**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 30 ta' Jannar 2020.**

**Rikors Nru. 868/06 GM**

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**vs**

**Zurrieq Football Club**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fis-27 ta' Settembru 2006, fejn wara li premettiet illi:-

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewg kuntratti datati fl-4 ta' Settembru 2001 (Dok. A u B), ikkonċediet faċilita' bankarja liz-Zurrieq Football Club.

Tinsab kreditriċi taż-Żurrieq Football Club fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin Liri Maltin u għoxrin ċenteżmu (Lm72,994.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" taż-Żurrieq Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok "D1 sa D4", u Dok. "E1 sa E2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti imsemmija (u esebiti bħala Dokumenti "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Żurrieq Football Club (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Żurrieq Football Club li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

Zurrieq Football Club interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 t'Awissu 2006, sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, izda din baqa' inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esebiti bħala Dokumenti "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Żurrieq Football Club (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Żurrieq Football Club li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

2. Tikkundanna liż-Żurrieq Football Club jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tnejn u sebgħin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin Liri Maltin u għoxrin ċentezmu (Lm72,994.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" taż-Żurrieq Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok "D1 sa D4", u Dok. "E1 sa E2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 11 t'Awissu 2006 kontra s-soċjeta' konvenuta;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Żurrieq Football Club ippeżentata fil-11 ta' Diċembru 2006 li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. Għandha tiġi determinata l-validita' tar-rabta ta' l-eċċipjenti mas-soċjeta` attriċi, stante li l-firmatarji fuq l-iskritturi eżebiti mar-rikors promotur ma kellhomx l-awtorizzazzjoni tal-membri kollha tal-Club, sabiex jiġu ffirmati l-istess skritturi.

2. Għandu jiġi kjamat in kawza Joseph Farrugia, kemm fil-kapaċita' tiegħu ta' ex-president ta' l-eċċipjenti, kif wkoll fil-kapaċita` personali tiegħu, u dan bħala wieħed mill-firmatarji ta' l-iskritturi eżebiti mar-rikors promotur, sabiex tiġi determinata l-validita` o meno tar-rabta tal-eċċipjenti mas-soċjeta` attriċi;

Rat li permezz ta' provvedimemt ivverbalizzat fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2007 (fol 36) din il-Qorti, diversament ippreseduta, sabet li l-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-Bank attur huwa l-klabb konvenut; li Joseph Farrugia m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jissejjaħ fil-kawża; u għalhekk impliċitament ċaħdet it-tieni eċċezzjoni;

Rat li fl-istess udjenza tat xahar żmien lill-Klabb konvenut sabiex iressaq l-azzjoni ġudizzjarja li jidhirlu meħtieġa sabiex jimpunja l-kuntratt (recte: kuntratti) mertu tal-kawża;

Rat li l-konvenut ippreżenta l-kawża msemmija permezz ta' Rikors Ġuramentat Numru 171/2007; u li l-proċess tagħha ġie rimess biex jinstama' mill-istess imħallef li kien qiegħed jisma' l-proċess odjern (ara fol 30 ta' dan il-proċess);

Rat li permezz ta' Digriet tal-10 ta' Settembru 2019 fil-kawża 171/2007( fol 327 fil-proċess 171/2007) il-Qorti ordnat li l-provi prodotti f'dik il-kawża jgħoddu għal din il-kawża u viċi-versa;

Rat is-sentenza tallum fil-kawża 171/2007 li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' Zurrieq Football Club li permezz tagħhom talab it-tħassir tal-kuntratti ta' faċilitajiet bankarji msemmija f'din il-kawża;

Rat l-atti l-oħrajn kollha taż-żewġ proċessi;

Billi l-eċċezzjonijiet ma jirriżultawx fondati;

U billi t-talbiet tal-bank jirriżultaw ippruvati;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-klabb konvenut, u tilqa' t-talbiet tal-Bank attur billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment billi Żurrieq Football Club naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti.

2. Tikkundanna liż-Żurrieq Football Club jħallas lill-Bank attur is-somma ta' Lm72,994.20 ekwivalenti għas-somma ta' € 170,030.78 bilanċ għad-debitu fil-*Loan u Overdraft Accounts* taż-Żurrieq Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 11 t'Awwissu 2006 kontra l-klabb konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA